Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D 1851 Ottubru 2010 – Ħarġa 16

# TAL-ISTILLA

## Editorjal

### Il-Banda San Filep waslet għal 160 sena ta' ħidma kontinwa

Fil-ħarġa ta' Lulju tal-fuljett tal-Kunsill Lokali, s-segretarju tal-Każin San Ġużepp, u Banda De Rohan iddikjara li "Kien fl-1860, li f'Ħaż-Żebbuġ twaqqfet l-ewwel banda fil-gżejjer Maltin u Għawdxin – il-Banda De Rohan." Din hija kitba kontroversjali li min qraha seta' ħa l-impressjoni żbaljata li din il-kontroversja ġiet riżolta u konkluża. Dan hu 'l bogħod mill-verità. Stennejna li fil-kitbiet dwar dan is-suġġett konna se naraw xi provi dokumentati li jippruvaw din l-istqarrija. Iżda ma deher xejn konkret li juri liema kienet il-banda tal-1860.

**Fatti storiċi ma jinbidlux b'allegazzjonijiet li jsiru f'kitbiet li mhumiex marbuta mal-fatti jew b'reklamar fuq kartelluni.**

Donnu li qed ninsew li qabel ma nqisu ruħna ta' għaqda jew oħra, l-ewwel aħna lkoll Żebbuġin. L-aktar ħaġa importanti hija li Ħaż-Żebbuġ jibqa' jitqies bħala l-benniena tal-baned Maltin kif nafuhom illum. Ta' dan għandna nkunu kburin u nfittxu li nkomplu nagħmlu unur lil beltna.

Tul il-kontroversja dwar il-bidu tal-baned f'Ħaż-Żebbuġ inkixfu dokumenti awtentiċi li jippruvaw li l-Banda San Filep ilha teżisti u baqgħet tiffunzjona kontinwament almenu sa mill-1851. Meta nstabu, dawn id-dokumenti kkonfermaw ix-xhieda li kienu taw snin qabel diversi xjuħ li kellhom nieshom imdaħħla fil-kumitat tal-bidu tal-*Banda di San Filippo*. Għalhekk fix-xhur li ġejjin l-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 se tfakkar il-160 sena mit-twaqqif tal-banda l-aktar qadima li kontinwament tat sehemha f'Malta u Għawdex.

Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:
Tal-Istilla, Għaqda Każin Banda San Filep AD1851,
12, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ ŻBG 1011.
www.bandasanfilep.com.mt




## Wirja tal-Arti: Nisġa ta' Lwien mis-6 sat-12 ta' Diċembru 2010

Diversi artisti Maltin magħrufa sew għat-talent tagħhom, ser jieħdu sehem f'wirja mtellgħa mill-Każin Banda San Filep, biex ifakkar it-tletin sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Nisa.

Matul il-jiem tal-wirja se jinbiegħu l-opri esebiti. Parti minn dan il-qliegħ ser imur għall-Community Chest Fund. Bord ta' esperti se jkun responsabbli mill-għażla tal-opri għal din l-wirja.

*Issa fiċ-ċinema tal-Fgura*
*u fuq DVD li jinbiegħ*
*mill-bar tal-Każin San Filep.*

# Inħarsu Ġrajjiet Missirijietna: L-Għaqda Każin Banda S

La l-ktieb ta' Pietru Pawl Castagna (1888) u lanqas dak ta' Dun Salv Ciappara (1882) ma jsemmu ebda titolu ta' banda b'isimha meta jsemmu li Mro Indri Borg waqqaf l-ewwel Banda Nazzjonali. B'dan aktarx riedu jgħidu li Mro Indri rnexxielu jgħaqqad banda li kellha bandisti ġejjin kemm minn Ħaż-Żebbuġ kif ukoll minn irħula oħra u għalhekk it-titlu "nazzjonali". Il-Banda del Zebbug jew il-Banda de Rohan ma jissemmew fl-ebda pubblikazzjoni, dokument jew manuskritt li kienu jeżistu f'nofs is-seklu 19. L-unika banda li tissemma' hija l-*Banda di San Filippo*.


Per accomodatura d'un candeliere di rame
Per supplemento alla banda di S. Filippo 2 8 8
di Francesco Attard per aver affittato i fratelli
per non compulto 4
64.11.16

*Dettall mill-paġna tal-1851 tar-reġistru Esito Straordinario li turi l-infieq li sar dik is-sena mill-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità, fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Sa fejn hu magħruf din hija l-ewwel darba li tissemma l-**Banda di San Filippo** f'dokument. F'dan ir-reġistru jissemma Mro Filippo Galea li jitħallas għall-banda (fl-1854, 1856, 1859 u 1860) u warajh fl-1861 jibda jidher Mro Indri Borg. Fir-reġistru tad-dħul u ħruġ tal-festa ta' San Filep, il-Venere Lampada, il-**Banda di San Filippo** tidher assoċjata ma' Filippo Galea fl-1856 u l-1857. Fir-reġistru tal-Konfraternità tad-Duluri, bejn l-1859 u l-1877, minbarra Filippo Galea (darbtejn) jissemmew ukoll Gaetano Attard (10 darbiet), Antonio Pisani(darbtejn) u MikielAnġ Debono (5 darbiet sal-1877) – kollha nies li f'dak il-perjodu kienu parti mis-Soċjetà tal-**Banda di San Filippo**. Dawn ir-reġistri jinsabu fl-arkivju tal-Parroċċa ta' San Filep.*

F'dawn l-aħħar xhur inkiteb u ntqal tagħrif żbaljat għall-aħħar dwar il-bidu tal-Banda San Filep. Saħansitra ntqal li twaqqfet fl-1893. Min ta dan it-tagħrif injora għal kollox dokumenti awtentiċi li juru mod ieħor.

Fost dawk ta' qabel l-1893 insibu:

- Isem il-*Banda di San Filippo* miktub ċar u tond għall-ewwel darba fl-1851 fir-reġistru tal-Konfraternità tal-Madonna tal-Karità li jinsab fl-arkivju tal-Parroċċa.
- Isem il-*Banda di San Filippo* jerġa' jidher miktub fl-1856, fl-1857 fir-reġistru tal-festa ta' San Filep, ukoll fl-arkivju tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1857 jidher ċar li kien Filippo Galea li tħallas għas-servizz li kienet tat din il-banda fil-festa ta' San Filep.
- Filippo Galea jidher diversi drabi jitħallas għas-servizzi tal-banda bejn l-1849 u l-1861. Meta kien imsiefer ġabru l-ħlasijiet nies oħra li kienu membri fil-kumitat tal-Banda di San Filippo, bħal Gaetano Attard, Antonio Pisani, u mill-1861 Indri Borġ.
- Lista ta' ġbir li sar fl-1859 sabiex jinxtraw ħmistax-il strument ġdid biex titkabbar il-Banda San Filep. Fost l-ismijiet li jidhru f'din il-lista insibu lil: Filippo u Angelo Galea, Indri Borġ, Gaetano Attard, Antonio Pisani, Salvatore Ciappara.
- Ħlasijiet li saru biex fl-1859 sar u ntrama l-ewwel palk għall-banda;
- L-ittra ta' radd il-ħajr li l-Arċipriet Borg bagħat lis-Soċjetà tal-*Banda di San Filippo* f'April 1864 għall-għajnuna li din kienet tat fil-ġbir għall-istatwa tal-fidda ta' San Filep. Dan il-ġbir kien inbeda fl-1860 u l-istatwa waslet Malta fl-Lulju 1863 u ħarġet fil-purċissjoni għall-ewwel darba fil-festa f'Mejju 1864.
- It-treġija tal-Banda San Filep minn Mro Giuseppe Borġ li kompla fejn ħalla missieru Indri Borġ fl-1868.
- Fl-1870 il-Banda San Filep tħallset mill-Konfraternità ta' San Ġużepp tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ ta' servizz mużikali fl-okkażjoni tal-miġja tal-istatwa ta' San Ġużepp.
- Il-bidu tat-tmexxija tal-Banda San Filep minn Mro Giacchino Galea fl-1879.
- Fl-1888 is-*Societa Filarmonica San Filippo* ħadet sehem flimkien ma' għaxar baned oħra f'dimostrazzjoni mill-Furjana sal-Belt Valletta biex jiffesteġġjaw il-ħatra ta' kunsillieri ġodda tal-gvern ċivili.
- Li fl-1889 l-Għaqda kellha it-taqsima tad-drama *'Teatrino San Filippo Independente'* immexxi minn Michele Grech.
- Fl-1890 Gawdenz Agius, il-kaxxier tal-*Casino Indipendente San Filippo* tħallas ta' servizz li l-*Filarmonica San Filippo* għamlet fiż-Żurrieq fil-festa ta' Santa Katerina.
- Ittra fil-Ħabbar tad-29 ta' Mejju 1891 dwar il-kobor tal-festa ta' San Filep ta' dik is-sena jsemmi li l-baned li ħadu sehem


Alla Soc. della Banda San Filippo, in segno di rispetto e di stima per il lavoro fatto dai membri della stessa Società durante la raccolta per la Statua Artistica D'argento di San Filippo.
Arc. Sac. Francesco Borg.
3 Aprile 1864


*L-ittra tal-Arċipriet Francesco Borg*

**TWANNY SPITERI** FUNERAL SERVICES
*24 hours (Day & Night)*
*3, Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ*
*Office* **2146 5122 / 2147 2219** • *Mob:* **9947 1168**
Karozza tal-Funerali b'xejn


## an Filep AD1851 hi l-eqdem entità bandistika fil-gżejjer tagħna.

kienu ta' Bormla, ta' Hal-Luka, tas-Siggieui, il-banda military Ingliża tal-*Welsh* u l-*Filarmonica San Filippo*.

- Sal-1892 il-Banda San Filep kien iddoqq ta' kull sena fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġo Ħaż-Żebbuġ. F'din is-sena il-Banda de Rohan wriet ix-xewqa li tibda ddoqq hija wkoll fil-purċissjoni. Sar ftehim li jdoqqu sena kull waħda. L-għażla ta' min jibda f'din l-alternanza saret bil-polza li tellagħha it-tfajjel abbati Filippu Azzopardi.
- Sal-1894 is-Soċjetà tal-banda San Filep kienet għamlet użu minn tlett idjar differenti bħala każin. Dawn kienu 52 Triq il-Parroċċa sal-1885 (u bejn l-1865 u l-1885 kienet ukoll tikkunċerta fid-dar 3 Triq Manoel); 273, 274 Strada Reale sal-1894 meta marret f'54 Triq il-Parroċċa.


Aprile 1870

Il giuoco d'artificio e la banda di S. Filippo diretta dal Mro. Giuseppe Borg nella serata delle Feste di S. Giuseppe, e altri due servizi si fece per contribuzione alla Confraternità di San Giuseppe.

*Meta fl-1870 waslet l-istatwa ta' San Ġużepp, Il-Konfraternità ta' S.Ġużepp qabbdet lill-**Banda di San Filippo** tagħmel 3 servizzi.*

- Fil-ħarġa tal-ġurnal "Il-Verita" tat-28 t'April 1894, irrapportat li s-segretarju tal-Kunsill tal-Gvern kien ippreżenta nota li turi li kien hemm 30 banda f'Malta u 3 oħra f'Għawdex u meta semma' kemm għamlu servizzi matul il-15-il xahar ta' qabel semma li l-Banda San Filep kienet wettqet 28 servizz mużikali.

Imbagħad hemm intervisti importanti li saru madwar sittin sena ilu (fl-1952) mis-Sur Carmelo Mifsud ma' nies li kienu jiġu mill-qrib minn membri tal-ewwel kumitati tal-*Banda di San Filippo*. F'dawn l-intervisti inġabar ħafna tagħrif li bosta minnu ġie kkorraborat mid-dokumenti msemmija li nkixfu madwar seba' snin wara li saru l-intervisti. Fost in-nies intervistati kien hemm Filippu Azzopardi (Pinu ta' Xandru), Gawdenz Tanti u Kalċidon Mallia.

- Kalċidon li twieled fl-1870, kellu 'l missieru Ġakkinu li kien bandist mal-ewwel grupp ta' meta twaqqfet il-*Banda di San Filippo* f'nofs is-seklu 19.
- Azzopardi twieled fl-1886 u kien jieħu interess kbir f'dak kollu li kien jiġri fir-raħal u sa ma kellu mitt sena baqa' jirrakkonta b'mod luċidu għall-aħħar dak li kien semgħa u li kien ġara sa minn ċkunitu. Mariella Attard fl-1985 kienet ikkwotatu jgħid: "Jiena niftakar każin wieħed, banda waħda *(di San Filippo)*...".
- Gawdenz twieled fl-1915 u kellu lil missieru Carlo u lil zijuh Ġirolamo membri tal-kumitat tal-*Banda di San Filippo* fis-snin ta' tmiem is-seklu 19.

Minn dawn l-intervisti toħroġ ċar il-konnessjoni diretta ta' nies bħal Filippo Galea, Gaetano Attard, Antonio Pisani, Indri Borg u oħrajn mal-Banda San Filep sa mill-bidu tagħha f'nofs is-seklu dsatax. Jissemmew nies oħra aktar tard, bħal MikielAnġ Debono li kien president u li iżda kien telaq il-banda fl-1878 u wara rama banda oħra. Jidher iżda li sa dak iż-żmien banda waħda kien hawn f'Ħaż-Żebbuġ – il-Banda San Filep. Min joħroġ b'teoriji dwar kif ġraw l-affarijiet matul l-aħħar nofs tas-seklu dsatax bla ma jagħti kas ta' dan it-tagħrif, jasal f'konklużjonijiet żbaljati u allura ma jistax jitwemmen.

# Avviżi / Notices

- Il-Membri huma mfakkra li għadhom iħallsu l-menswalità €5 għas-sena 2011. Min irid jista' jinkiteb *Life Member* billi jħallas €120 f'darba u għalhekk ikun membru għal għomru. Dan jingħata wkoll membership card. / Club members are reminded that now is the time to pay the annual membership fee of €5. They can enrol as life members by paying €120 once.
- Mill- Ħamis 13 ta' Jannar 2011 jerġgħu jibdew il-*coffee mornings* ta' kull ħmistax. Id-dħul huwa bla ħlas u jiġu servuti kafe u sandwiches. / On Thursday 13th January 2011 the forthnightly coffee mornings start again. Entrance is free. Coffee and sandwiches also served.
- Min jixtieq jidfen lil qrabatu mejta li kienu membri, fil-qabar tal-Għaqda fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesu għandu jikkuntattja lis-segretarju. / Those wishing to transfer the remains of deceased club members to the club's private grave in the Sacred Heart of Jesus Cemetery in Zebbug should contact the club secretary.
- Min jixtieq jinkiteb membru ġdid jew irid jibda jgħin fil-ħidma tal-każin għandu jikkuntatja lil xi membru tal-kumitat. / Those wishing to enrol as new members or to volunteer their helping hand should contact some committee member.
- DVD's li jistgħu jinkisbu mill-każin: (1) tal-Milied (2) tal-Ġimgħa l-Kbira (3) tan-nar tal-festa (4) tal-Musical "Ir-Rebbieħ". / The following DVD's can be acquired from the club: (1) Christmas (2) Holy Week (3) Feast fireworks (4) The Musical "Ir-Rebbieħ".
- Nifirħu lis-sezzjonijiet taż-Żgħażagħ u tan-Nisa, lill-Kummissjonijiet tan-Nar u tal-Kultura għal bosta attivitajiet li organizzaw tant tajjeb tul is-sajf li għadda. / Congratulations Women Culture to the Youths Section and the Fireworks Group for the many social activities they organised so well this summer.
- Jekk tixtieq tingħaqad mas-St. Philip Pageant Group ċempel jew ibgħat id-dettalji tiegħek b'sms lil Brian Bonnici fuq 79270400. Tista' wkoll tibgħat email fuq pageantgroupstphilip@gmail.com / Those wishing to enrol with St. Philip Pageant Group can sms their details to Brian Bonnici on 79270400 or send an email to pageantgroupstphilip@gmail.com .

## Tisbieħ tas-Sala
## *Hall's Interior Design*

Qed jitkompla x-xogħol fuq il-gwarniċun tal-injam għas-sala ta' fuq, li qed tinħadem minn Pawlu Schembri fuq disinn ta' Vincent Centorrini. / *The interior of the grand hall of our club is going to be richly ornated by a wooden coving spanning a height of one metre. Works by Paul Schembri on the design of Vincent Centorrini are in progress.*


**Każin Banda San Filep**

*Charlie Vella il-Barman ġdid*
*ċemplu fuq 99 972 920*

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa. Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*

# Attivitajiet / Club Activities Oct – Dec 2010

| | | |
|---|---|---|
| 16-10-10 | Kummisssjoni Banda - Il-Banda San Filep tieħu sehem f'Mass Band f'Casal Fornaro Ħal Qormi. | *St. Philip Band participates in a mass-band in Casal Fornaro in Qormi – Band Commission* |
| 21-10-10 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa | Coffee Morning organised by the Women section |
| 29-10-10 | Ikla mis-Sezzjoni Żgħażagħ | *Dinner organised Youth Section* |
| 04-11-10 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa | Coffee Morning organised by the Women section |
| 06-11-10 | Parti ta' San Martin – Klabb Tfal tal-Istilla | St Martin's Party – Children's Club "Tfal tal-Istilla" |
| 13/14-11-10 | Dramm: "Jien Filippu" fis-Sala tal-Iskola ta' Ħaż-Żebbuġ – imtella' mis-St. Philip Pageant Group | Drama: "Jiena Filippu" in the hall of the Zebbug Secondary School - produced by St. Philip's Pageant Group |
| 17-11-10 | Quddiesa għall-mejtin tal-Każin fis-6:30pm fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ | *Holy Mass for the repose of souls of dead club members will be said at 18:30 in Zebbug Parish Church* |
| 18-11-10 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa | Coffee Morning organised by the Women section |
| 19-11-10 | Attività mis-Sezzjoni Żgħażagħ | *Activity organised by Youth Section* |
| 02-12-10 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa | Coffee Morning organised by the Women section |
| 05-12-10 | Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda | Club General Annual Meeting |
| 05-12-10 | Nisġa ta' Lwien - Wirja ta' Arti fis-swali tal-każin biex tfakkar it-30 sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Nisa fil-każin | *Art Exhibition to commemorate the 30th anniversary of the setting up of the Women Section, in the club halls.* |
| 16-12-10 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa | Coffee Morning organised by the Women section |
| 17-12-10 | Kunċert mill-aljevi u bandisti żgħażagħ tal-Banda San Filep. Wara jsir il-ftuħ tal-wirja tal-Milied fil-każin. Dawn huma organizzati mill-Kummissjonijiet tal-banda u tal-kultura. | *Annual Christmas concert by the club's school of music followed by the inauguration of the Christmas exhibition. These are organised by the Band and Culture commissions.* |
| 18-12-10 | Dinner Dance fis-Soreda Hotel, il-Qawra, organizzat mis-Sezzjoni Nisa | Dinner Dance organised by the Women section in the Soreda Hotel, Qawra. |
| 19-12-10 | Għanjiet tal-Milied fil-pjazza mill-Banda San Filep | *Christmas carols played in Zebbug main square* |
| 24-12-10 | Parti ta' Lejlet il-Milied organizzat mill-Kummissjoni Nar | *Christmnas eve party organised by Fireworks Commission* |
| 27-12-10 | Parti għat-tfal tal-membri organizzat miż-Żgħażagħ | *Party for members' kids organised by Youth section* |
| 30-12-10 | Għeluq tal-wirjiet tal-Milied | *Christmas exhibition closes* |
| 31-12-10 | Parti tal-aħħar tas-sena organizzat mill-Kummissjoni Nar | *End of year party organised by Fireworks Commission* |



## Armar
### *Street Decorations*

Wara li fil-festa ta' dis-sena iżżanżnu żewġ kolonni u l-istatwa ta' San Mark madwar is-salib tal-pjazza, bħalissa għaddej ix-xogħol fuq l-irħamar ta' dawn il-kolonni ġodda. / *During this year's feast two columns and a statue of St Mark were inaugurated in the middle of the main square of Zebbug. Now work is ongoing on the marble-like painting of these new columns.*



**Sei Garage Spray Painting**

***Omar Said***

***9, Carmel Yard, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Malta***

***Mob: 99 294 763***



Design & Printing: Bestprint Co. Ltd. • Tel: 21 680 789